I

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/60/KE

tas-7 ta' Lulju 2006

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE rigward il-livelli massimi tar-residwi tat-trifloxystrobin, thiabendazole, abamectin, benomyl, carbendazim, thiophanate-methyl, myclobutanyl, glyphosate, trimethylsulfonium, fenpropimorph u chlormequat

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar ta' livelli massimi għal residwi tal-pestiċidi ġewwa u fuq ċerti prodotti oriġinarji mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħaxix [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(f), tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 91/414/KEE, l-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għall-protezzjoni ta' pjanti għall-użu fuq ħxejjex speċifiċi huma responsabbiltà ta' l-Istati Membri. Awtorizzazzjonijiet ta' dan it-tip għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni ta' l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u ta' l-influwenza fuq l-ambjent. Elementi li jridu jitqiesu f'dawn il-valutazzjonijiet jinkludu l-kxif ta' l-operaturi u ta' persuni fil-qrib u l-impatt fuq l-ambjenti ta' l-art, l-ilma u l-arja, kif ukoll l-impatt fuq il-bnedmin mill-konsum ta' residwi fuq ħxejjex li jkunu ġew ittrattati.

(2) Il-livelli massimi ta' residwi (MRLs) jirriflettu l-użu ta' kwantitajiet minimi ta' pestiċidi għall-protezzjoni effettiva tal-pjanti, li jiġu applikati b'tali mod li l-ammont ta' residwu huwa l-iżgħar ammont prattikabbli u tossikoloġikament aċċettabbli, partikolarment fit-termini ta' stima ta' konsum fid-dieta.

(3) L-MRLs għall-pestiċidi koperti mid-Direttiva 90/642/KEE għandhom jinżammu taħt reviżjoni u jistgħu jiġu mmodifikati sabiex jiġu kkunsidrati użi li ġew mibdula jew użi ġodda. Informazzjoni dwar użi ġodda jew mibdula ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni, li għandha twassal għall-bidliet fil-livelli ta' residwi tat-*trifloxystrobin, thiabendazole, abamectin, tal-grupp benomyl (benomyl, carbendazim*, u *thiophanate-methyl), myclobutanyl, glyphosate, trimethylsulfonium* u *fenpropimorph*.

(4) Għall-*chlormequat* l;-informazzjoni ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni li tiġġustifika l-adozzjoni ta' MRL temporanju fuq lanġas għal tliet snin.

(5) Il-kxif tul il-ħajja tal-konsumaturi għal dawk il-pestiċidi permezz ta' prodotti alimentari li jista' jkun fihom ir-residwi ta' dawk il-pestiċidi, ġie assessjat u valutat skond il-proċeduri u l-prassi użati fi ħdan il-Komunità, b'kunsiderazzjoni tal-linji ta' gwida maħruġa mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa [3]. F'din il-valutazzjoni ġew ikkunsidrati li l-*abamectin* u t-*thiabendazole* jintużaw ukoll fil-mediċini veterinarji li huma maħsuba għall-annimali li jipproduċu l-ikel u li l-Livelli Massimi tar-Residwi ġew stabbiliti għal dawk iż-żewġ sustanzi skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 [4]. Skond dik il-valutazzjoni u l-assessjar, l-MRLs għal dawk il-pestiċidi għandhom jiġu stipulati sabiex ikun żgurat li ma jinqabiżx il-limitu ta' konsum aċċettabbli f'ġurnata.

[1] ĠU L 350, 14.12.1990, p. 71. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/53/KE (ĠU L 154, 8.6.2006, p. 11).

[2] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kumissjoni 2006/45/KE (ĠU L 130, 18.5.2006, p. 27.).

[3] Direttivi għat-tbassir ta' dħul tad-dieta ta' residwi tal-pestiċidi (riveduti), preparati mill-GEMS/Programm ta' Ikel f'kollaborazzjoni mall-Kumitat Codex fuq ir-Residwi tal-Pestiċidi, ppubblikat mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fl-1997 (WHO/FSF/FOS/97.7).

[4] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni KE Nru 205/2006 (ĠU L 34, 7.2.2006, p. 21).

(6) Fil-każ tal-*benomyl, carbendazim, thiophanate-methyl, fenpropimorph* u *chlormequat* li għalihom teżisti doża ta' referenza akuta (ARfD), il-kxif akut tal-konsumaturi permezz ta' kull wieħed mill-prodotti alimentari li għandhom imnejn ikun fihom residwi ta' dawn il-pestiċidi ġie assessjat u valutat skond il-proċeduri u l-prassi użati attwalment fi ħdan il-Komunità, b'kunsiderazzjoni tal-linji gwida maħruġa mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. L-opinjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti, b'mod partikolari l-pariri u r-rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-konsumaturi mill-prodotti alimentari trattati bil-pestiċidi [1], ġew ikkunsidrati. Skond dik il-valutazzjoni tal-konsum fid-dieta, l-MRLs għal dawk il-pestiċidi għandhom jiġu stipulati sabiex ikun żgurat li ma jinqabiżx l-ARfD. Fil-każ tas-sustanzi l-oħrajn, il-valutazzjoni ta' l-informazzjoni disponibbli wera li l-ebda ARfD mhi meħtieġa u li għaldaqstant mhix neċessarja valutazzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir.

(7) Fil-każ li l-użi awtorizzati fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma jirrizultawx f'livelli li jistgħu jiġu osservati ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa jew fuq prodott ta' l-ikel, jew fejn l-użi li jkunu ġew awtorizzati mill-Istati Membri ma jkunux ġew sostnuti bid-data meħtieġa, jew fejn użi f'pajjiżi terzi li jirriżultaw f'residwi fi jew fuq prodotti alimentari li għandhom mnejn jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni fis-suq Komunitarju ma jkunux ġew sostnuti bit-tali data meħtieġa, l-MRLs għandhom jiġu ffissati fil-livell l-iktar baxx ta' l-osservanza analitika.

(8) Għalhekk huwa xieraq li jiġu ffissati MRLs ġodda għal dawk il-pestiċidi.

(9) L-iffissar jew l-immoddifikar ta' MRLs proviżorji fil-livell Komunitarju ma jżommx lill-Istati Membri milli jistabbilixxu MRLs proviżorji għall-*glyphosate, trimethylsulfonium* u *trifloxistrobin* skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE u l-Anness VI tagħha. Huwa meqjus li perjodu ta' żmien ta' erba' snin huwa biżżejjed sabiex jiġu permessi aktar użi ta' dawn is-sustanzi. L-MRL proviżorju Komunitarju għandu mbagħad isir definittiv.

(10) Il-lupini jiġu kkonsumati f'bosta Stati Membri bħala ikel. L-użu tal-*glyphosate* huwa awtorizzat fil-lupini. L-inklużjoni tat-titolu "lupini" u l-istipular u l-iffissar ta' l-MRLs għal-lupini huma għalhekk meħtieġa għall-protezzjoni tal-konsumaturi minn eċċess ta' residwi ta' pestiċidi użati fil-lupini.

(11) Id-Direttiva Nru 90/642/KEE għandha għalhekk tiġi emendata.

(12) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 90/642/KEE hi emendata kif ġej:

1. Fl-Anness I, fil-grupp "3 Pulses", id-daħla "Lupini" hi miżjuda b'tali mod li t-terminu "Prodott Sħiħ" fl-aħħar kolonna ikopri l-4 inklużjonijiet.

2. L-Anness II huwa emendat skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa mhux aktar tard mill-20 ta' Jannar 2007, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu f'konformità ma' din id-Direttiva, ħlief għall-grupp *benomyl* u *thiophanate-methyl* li għandhom jadottaw u jippubblikaw sa l-erbatax ta' Settembru 2006 u għall-*chlormequat* sal-wieħed u għoxrin ta' Lulju 2006. Għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien, bit-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella korrispendenti bejn dawn id-dispożizzjonijiet u d-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-21 ta' Jannar 2007, ħlief għall-grupp *benomyl* u *thiophanate-methyl* li għandhom jiġu applikati sal-ħmistax ta' Settembru 2006 u għall-*chlormequat* sa l-ewwel ta' Awissu 2006.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.

[1] L-opinjoni tirrigwarda l-kwistjonijiet konnessi ma' l-emendar ta' l-annessi għad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE (Opinjoni espressa mill-SCP, l-14 ta' Lulju 1998); L-opinjoni tirrigwarda r-residwi tal-pestiċidi varjabbli fil-frott u l-ħxejjex (Opinjoni espressa mill-SCP nhar l-14 ta' Lulju 1998) http://europa.eu.int/comm/food/fs/sc/scp/outcome_ppp_en.html

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, nhar is-7 ta' lulju 2006.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE huwa emendat kif ġej:

1. Fid-dahla tal-*chlormequat* dwar il-lanġas, in-nota f'qiegħ il-paġna (t) hija ssostitwita b'dan li ġej: "MRL temporanju ta' 0,2 mg/kg għandu jgħodd sal-31 ta' Lulju 2006";

2. Fil-parti A il-kolonni għall-*trifloxystrobin, thiabendazole, abamectin, benomyl, carbendazim, thiophanate-methyl, myclobutanyl, glyphosate, trimethylsulfonium* u *fenpropimorph* huma mibdula b'dan li ġej:

	Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)								
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li ghalihom japplikaw l-MRLs	Trifloxy-strobin	Thiaben-dazole	Abamectin (somma ta' aver-mectin B1a, aver-mectin B1b u delta-8,9 isomer ta' l-avermec-tin B1a)	Somma benomyl u carbendazim, espressi bhala car-bendazim	Thiophanate-methyl	Myclobutanyl	Glyphosate	il-jone pożittiv tat-trimethyl-sulfonium, li jirriżulta mill-użu tal-glyphosate	Fenpropi-morph
"1. **Frott, frisk, imnixxef jew nej, ippriżervat fil-friża, mingħajr zokkor miżjud; ġwież**									
(i) IL-FROTT TAĊ-ĊITRU	0,3 (P)	5	0,01 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	3			0,05 (*)
Grejpfrut									
Lumi									
Lajm									
Mandolin (inkluzi l-klementini u ibridi ohra)							0,5 (P)	0,5 (P)	
Lariġ							0,5 (P)	0,5 (P)	
Pomelos									
Oħrajn							0,1 (*) (P)	0,05 (*) (P)	
(ii) ĠWIEŻ TAS-SIĠAR (TREE NUTS) (bil-qoxra jew mingħajrha)	0,02 (*) (P)	0,1 (*)	0,02 (*)	0,1 (*)	0,2	0,05 (*)	0,1 (*) (P)	0,05 (*) (P)	0,05 (*)
Lewż									
Ġewż tal-Brażil									
Kexjus jew ġwież ta' l-anakardju									
Qastan									
Ġewż ta' l-Indi									
Ġellewż									
Makadamja									
Ġwież tal-Pekan									

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)								
	Trifloxy-strobin	Thiaben-dazole	Abamectin (somma ta' avermectin B1a, avermectin B1b u delta-8,9 isomer ta' l-avermectin B1a)	Somma benomyl u carbendazim, espressi bħala carbendazim	Thiophanate-methyl	Myclobutanyl	Glyphosate	il-jone pożittiv tat-trimethyl-sulfonium, li jirriżulta mill-użu tal-glyphosate	Fenpropi-morph
Ġwież ta' l-arznu (pine nuts)									
Pistaċċi									
Ġewż									
Oħrajn									
(iii) FROTT TAŻ-ŻERRIEGĦA (POME FRUIT)	0,5 (P)		0,01 (*)	0,2	0,5	0,5	0,1 (*) (P)	0,05 (*) (P)	0,05 (*)
Tuffieħ		5							
Lanġas		5							
Sfarġel									
Oħrajn		0,05 (*)							
(iv) FROTT TA' L-GĦADMA		0,05 (*)	0,01 (*)				0,1 (*) (P)	0,05 (*) (P)	0,05 (*)
Berquq	1 (P)			0,2	2	0,3			
Ċiras	1 (P)			0,5	0,3	1			
Ħawħ (inklużi n-nuċiprisk u ibridi simili)	1 (P)			0,2	2	0,5			
Għanbaqar	0,2 (P)			0,5	0,3	0,5			
Oħrajn	0,02 (*) (P)			0,1 (*)	0,1 (*)	0,02 (*)			
(v) FROTT ŻGĦIR		0,05 (*)						0,05 (*) (P)	
(a) Għeneb ta' l-ikel u ta' l-inbid	5 (P)		0,01 (*)			1	0,5 (P)		0,05 (*)
Għeneb tal-mejda				0,3	0,1 (*)				
Għeneb ta' l-inbid				0,5	3				
(b) Frawli (mhux selvaġġ)	0,5 (*) (P)		0,1	0,1 (*)	0,1 (*)	1	0,1 (*) (P)		1
(c) Frott tal-qasab (ħlief dak selvaġġ)	0,02 (*) (P)			0,1 (*)	0,1 (*)		0,1 (*) (P)		1
Tut			0,1			1			
Dewberries									
Loganberries									
Lampun			0,1			1			
Oħrajn			0,01 (*)			0,02 (*)			

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li ghalihom japplikaw l-MRLs	Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)								
	Trifloxy-strobin	Thiaben-dazole	Abamectin (somma ta' avermectin B1a, avermectin B1b u delta-8,9 isomer ta' l-avermectin B1a)	Somma benomyl u carbendazim, espressi bhala carbendazim	Thiophanate-methyl	Myclobutanyl	Glyphosate	il-jone pożittiv tat-trimethyl-sulfonium, li jirriżulta mill-użu tal-glyphosate	Fenpropi-morph
(d) Frott żgħir (ħlief dawk selvaġġi)			0,01 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)		0,1 (*) (P)		1
Bilberries									
Cranberries									
Passolina (aħmar, iswed u abjad)	1 (P)					1			
Gooseberries	1 (P)					1			
Oħrajn	0,02 (*) (P)					0,02 (*)			
(e) Frott żgħir salvaġġ	0,02 (*) (P)		0,01 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,02 (*)	0,1 (*) (P)		0,05 (*)
(vi) DIVERSI			0,01 (*)						
Avokado		15							
Banana	0,05 (P)	5				2			2
Tamal									
Tin									
Kiwi									
Kumquats									
Litchis									
Mango		5							
Żebbuġ (konsum domestiku)									
Żebbuġ (estrazzjoni taż-żejt)							1 (P)	1 (P)	
Papaja		10		0,2	1				
Passion fruit									
Ananas									
Rummien									
Oħrajn	0,02 (*) (P)	0,05 (*)		0,1 (*)	0,1 (*)	0,02 (*)	0,1 (*) (P)	0,05 (*) (P)	0,05 (*)

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)								
	Trifloxy-strobin	Thiaben-dazole	Abamectin (somma ta' avermectin B1a, avermectin B1b u delta-8,9 isomer ta' l-avermectin B1a)	Somma benomyl u carbendazim, espressi bħala carbendazim	Thiophanate-methyl	Myclobutanyl	Glyphosate	il-jone pożittiv tat-trimethyl-sulfonium, li jirriżulta mill-użu tal-glyphosate	Fenpropi-morph
2. Ħxejjex, friski jew mhux imsajrin, iffriżati jew imnixxfin									
(i) ĦXEJJEX F'SURA TA' TUBERI JEW GĦERUQ	0,02 (*) (P)		0,01 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)		0,1 (*) (P)	0,05 (*) (P)	0,05 (*)
Pitrava zokkrija									
Karrotti						0,2			
Cassava		15							
Krafes									
Mustarda użata għaz-zalza						0,2			
Qaqoċċ									
Zunnarija bajda						0,2			
Għeruq tat-tursin						0,2			
Ravanell									
Sassefrika									
Patata ħelwa		15							
Swedes									
Pjanta tal-ġenusTurnips									
Jam		15							
Oħrajn		0,05 (*)				0,02 (*)			
(ii) ĦXEJJEX F'SURA TA' BASAL	0,02 (*) (P)	0,05 (*)	0,01 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,02 (*)	0,1 (*) (P)	0,05 (*) (P)	0,05 (*)
Tewm									
Basal									
Basal li jikber bħala għanqud jissejjaħ Shallots									
Basal li jissejjaħ Spring onions									
Oħrajn									
(iii) ĦXEJJEX LI HUMA L-FROTTA TAL-PJANTA		0,05 (*)					0,1 (*) (P)	0,05 (*) (P)	0,05 (*)
(a) Solanacea									
Tadam	0,5 (P)		0,02	0,5	2	0,3			

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li ghalihom japplikaw l-MRLs	Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)								
	Trifloxy-strobin	Thiaben-dazole	Abamectin (somma ta' avermectin B1a, avermectin B1b u delta-8,9 isomer ta' l-avermectin B1a)	Somma benomyl u carbendazim, espressi bhala carbendazim	Thiophanate-methyl	Myclobutanyl	Glyphosate	il-jone pożittiv tat-trimethyl-sulfonium, li jirriżulta mill-użu tal-glyphosate	Fenpropi-morph
Bżar			0,05			0,5			
Brunġiel			0,02	0,5	2	0,3			
Okra				2	1				
Oħrajn	0,02 (*) (P)		0,01 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,02 (*)			
(b) Gherq Cucurbitstal-qara' tal-fliexken - tal-qoxra li tittiekel	0,2 (P)		0,02	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1			
Ħjar									
Pickles									
Zukkini									
Oħrajn									
(c) Għerq tal-qara' tal-fliexken tal-qoxra li ma tittikilx			0,01 (*)	0,1 (*)	0,3	0,2			
Bettiħ	0,3 (P)								
Ħxejjex li jissejħu squashes									
Dullieħ									
Oħrajn	0,02 (*) (P)								
(d) Qamħirrum	0,02 (*) (P)		0,01 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,02 (*)			
(iv) ĦXEJJEX BRASSICA	0,02 (*) (P)		0,01 (*)			0,02 (*)	0,1 (*) (P)	0,05 (*) (P)	
(a) Brassica li tagħmel il-fjuri				0,1 (*)	0,1 (*)				0,05 (*)
Brokkli (inkluża il-Calabrese)		5							
Pastard									
Oħrajn		0,05 (*)							
(b) Brassica bir-ras		0,05 (*)							
Kaboċċi ta' Brussell				0,5	1				0,5
Kaboċċi tar-ras									
Oħrajn				0,1 (*)	0,1 (*)				0,05 (*)
(c) Brassica bil-weraq		0,05 (*)		0,1 (*)	0,1 (*)				0,05 (*)
Kaboċċi taċ-Ċina									

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li ghalihom japplikaw l-MRLs	Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)								
	Trifloxy-strobin	Thiaben-dazole	Abamectin (somma ta' aver-mectin B1a, aver-mectin B1b u delta-8,9 isomer ta' l-avermec-tin B1a)	Somma benomyl u carbendazim, espressi bhala car-bendazim	Thiophanate-methyl	Myclobutanyl	Glyphosate	il-jone pożittiv tat-trimethyl-sulfonium, li jirriżulta mill-użu tal-glyphosate	Fenpropi-morph
Kale									
Oħrajn									
(d) Qarabali		0,05 (*)		0,1 (*)	0,1 (*)				0,05 (*)
(v) ĦXEJJEX LI JITTIEKLU L-WERAQ TAGĦHOM & ĦAXIX AROMATIKU FRISK	0,02 (*) (P)	0,05 (*)		0,1 (*)	0,1 (*)		0,1 (*) (P)	0,05 (*) (P)	0,05 (*)
(a) Ħass u simili			0,1						
Krexxuni									
Ħass tal-ħaruf						5			
Ħass									
Scarole (endive tal-werqa wiesa)									
Rukola									
Weraq u zkuk tal-brassika									
Oħrajn						0,02 (*)			
(b) Spinaċi u simili			0,01 (*)			0,02 (*)			
Spinaċi									
Weraq tal-pitravi									
Oħrajn									
(c) Krexxuni ta' l-ilma			0,01 (*)			0,02 (*)			
(d) Witloof		1	0,01 (*)			0,02 (*)			
(e) Ħxejjex aromatiċi			0,01 (*)			0,02 (*)			
Maxxita									
Kurrat salvaġġ									
Tursin									
Weraq tal-karfus									
Oħrajn									
(vi) ĦXEJJEX LEGUMI (friski)		0,05 (*)	0,01 (*)				0,1 (*) (P)	0,05 (*) (P)	0,05 (*)
Fażola (bil-minżwed)	0,5 (P)			0,2	0,1 (*)	0,3			

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li ghalihom japplikaw l-MRLs	Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)								
	Trifloxy-strobin	Thiaben-dazole	Abamectin (somma ta' avermectin B1a, avermectin B1b u delta-8,9 isomer ta' l-avermectin B1a)	Somma benomyl u carbendazim, espressi bhala carbendazim	Thiophanate-methyl	Myclobutanyl	Glyphosate	il-jone pożittiv tat-trimethyl-sulfonium, li jirriżulta mill-użu tal-glyphosate	Fenpropi-morph
Fażola (mingħajr minżwed)									
Fażola (bil-miniżwed)				0,2	0,1 (*)				
Piżelli(mingħajr minżwed)									
Oħrajn	0,02 (*) (P)			0,1 (*)	0,1 (*)	0,02 (*)			
(vii) ĦXEJJEX FORMA TA' ZOKK (friski)	0,02 (*) (P)	0,05 (*)	0,01 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)		0,1 (*) (P)	0,05 (*) (P)	
Asparagu									
Kardun									
Karfus									
Bużbież									
Qaqoċċa						0,5			
Kurrat									1
Rabarbru									
Oħrajn						0,02 (*)			0,05 (*)
(viii) FUNGI	0,02 (*) (P)		0,01 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,02 (*)			0,05 (*)
(a) Faqqiegħ ikkoltivat		10					0,1 (*) (P)	0,05 (*) (P)	
(b) Faqqiegħ salvaġġ		0,05 (*)					50 (P)	20 (P)	
3. **Żrieragħ imnixxfin**	0,02 (*) (P)	0,05 (*)	0,01 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,02 (*)		0,05 (*) (P)	0,05 (*)
Fażola							2 (P)		
Għads									
Piżelli							10 (P)		
Lupini							10 (P)		
Oħrajn							0,1 (*) (P)		
4. **Żjut ta' żrieragħ**	0,05 (*) (P)	0,05 (*)	0,02 (*)			0,05 (*)			0,05 (*)
Żerriegħa tal-kittien							10 (P)		
Karawett									
Żerriegħa tal-peprin									
Ġulġlien									

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li ghalihom japplikaw l-MRLs	Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)								
	Trifloxy-strobin	Thiaben-dazole	Abamectin (somma ta' avermectin B1a, avermectin B1b u delta-8,9 isomer ta' l-avermectin B1a)	Somma benomyl u carbendazim, espressi bhala carbendazim	Thiophanate-methyl	Myclobutanyl	Glyphosate	il-jone pożittiv tat-trimethyl-sulfonium, li jirriżulta mill-użu tal-glyphosate	Fenpropi-morph
Żerriegħa tal-ġirasol							20 (P)		
Żerriegħa tal-lift							10 (P)		
Żerriegħa tas-soja				0,2	0,3		20 (P)	10 (P)	
Żerriegħa tal-mustarda							10 (P)		
Żerriegħa tal-qoton							10 (P)		
Hemp seed									
Oħrajn				0,1 (*)	0,1 (*)		0,1 (*) (P)	0,05 (*) (P)	
5. **Patata**	0,02 (*) (P)		0,01 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,02 (*)	0,5 (P)	0,05 (*) (P)	0,05 (*)
Patata bikrija		0,05 (*)							
Varjazzjonijiet ta' patata		15							
6. **Te (weraq imnixxef u zkuk, iffermentati jew mod ieħor, *Camellia sinensis*)**	0,05 (*) (P)	0,1 (*)	0,02 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,05 (*)	2 (P)	0,05 (*) (P)	0,1 (*)
7. **Ħops (imnixxef), inkluži ħbub tal-ħops u ħops fil-forma trab mhux ikkonċentrat**	30 (P)	0,1 (*)	0,05	0,1 (*)	0,1 (*)	2	0,1 (*) (P)	0,05 (*) (P)	10

(*) tindika l-limitu ta' isfel tad-determinazzjoni analitika.
(P) tindika li l-livell massimu ta' residwu jkun ġie stabbilit proviżorjament skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE."